01 ta' Awwissu 2019
84/2019

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA F'AWWISSU 2019**

It-Tnejn, 5 ta' Awwissu, fis-6:30 p.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna jmexxi Traslazzjoni Solenni lejlet il-festa tas-Salvatur, fil-parroċċa ta' Ħal Lija.

It-Tlieta, 6 ta' Awwissu, fid-9:15 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa Pontifikali fil-festa tas-Salvatur, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija.

L-Erbgħa, 14 ta' Awwissu, fil-5:00 p.m., lejlet il-festa ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema, Monsinjur Arċisqof imexxi l-investitura tal-kanonċi l-ġodda tal-Kapitlu Metropolitan, Traslazzjoni Solenni, l-Ewwel Għasar u Quddiesa, fil-Katidral ta' San Pawl l-Imdina.

Il-Ħamis, 15 ta' Awwissu, fid-9:15 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa Pontifikali fil-festa ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema, fil-Bażilika Minuri, il-Mosta.

Il-Ħadd 18 ta' Awwissu, fis-7:45 p.m., Monsinjur Arċisqof jiġi akkumpanjat mill-Kapitlu tal-Kolleġjata Elenjana fir-repożizzjoni tar-relikwa ta' Santa Elena u wara jagħti l-Barka Sagramentali fil-Bażilika ta' Santa Elena, Birkirkara.

Is-Sibt, 31 ta' Awwissu, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fin-novena tal-festa ta' Marija Bambina, fil-Knisja Arċipretali, in-Naxxar.